BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 52**

**IT-TIENI SEDUTA**

**IT-TLIETA 22 TA' JANNAR, 2013**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

Is-Sindku Joseph Scerri, il-Viċi Sindku Alison Zerafa Civelli u **l-Kunsilliera** James Cauchi, Raymond Balzan, Roderick Mamo, Pablo Cachia Belli u John Vella.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Pagamenti – Diċembru 2012
3. Approvazzjoni tal-Performance Bonus lill-Impjegati
4. Ħatra ta' Bord ta' l-Għażla – Impjieg ta' Messaġġier
5. Ħatra ta' Bord ta' l-Għażla – KLBO 02/2012 – Soft Areas
6. Kuntratt – Gbir ta' Skart Separat
7. Mozzjonijiet
8. Korrispondenza
9. Aġġornament

**Addendum**

10. Aġġudikar ta' Tender KLBO 02/2012-Soft Areas

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**52/01** **Kuntratt - Ġbir ta' Skart Separat**

Il-Kunsill unanimament approva li dan l-item jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

**52/02** **Mozzjonijiet**

52/02/01 Mozzjoni nru 66/2012 (VI)

*Qieghed nipproponi li il-bring In Sites li hemm fi Triq Alessandra (hdejn il-bieb ta' Fuq Verdala) jinbidlilhom il-post ghal Triq il-Kottonera hdejn Grounds Peppi Delceppo, peress li qieghed ikollna hafna ilmenti minn residenti li joqoghdu Fuq Verdala u li ghandhom it-twieqi ghal Triq Alessandra.*

Mozzjoni: Raymond Balzan
Sekondant: Is-Sindku Joseph Scerri

Il-kunsill unanimament approva li jinstab post alternattiv.

52/02/01 Mozzjoni nru 01/2013 (VI)

*Qiegħed niproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla jinstalla U Channel quddiem id-dar bin-numru 30, Triq San Rokku, Bormla għaliex qed ikun hemm parking regolari fuq il-bankina u qed jimblukkaw l-aċċess.*

Mozzjoni: Roderick Mamo
Sekondant: Is-Sindku Joseph Scerri

Intalbet addenda biex jiżdiedu dawn il-kelmiet "U jsir hand railing pipe fil-ġenb tal-bus terminus."

Mozzjoni Emendata:

*Qiegħed niproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla jinstalla U Channel quddiem id-dar bin-numru 30, Triq San Rokku, Bormla għaliex qed ikun hemm parking regolari fuq il-bankina u qed jimblukkaw l-aċċess, u jsir hand railing pipe fil-ġenb tal-bus terminus.*

Il-kunsill approva unanimament kif emendata.

52/02/03 Mozzjoni nru 02/2013 (VI)

*Qiegħed niproponi li l-kaptelli kollha li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni u li qegħdin jinkisru b'mod regolari, jiġu mibdula ma' oħrajn ta' materjal aktar b'saħtu li jiflaħ għall-piż tal-karozzi. B'dan il-mod, il-Kunsill ikun qiegħed jagħmel spiża darba għal dejjem.*

Mozzjoni: Roderick Mamo
Sekondant: Is-Sindku Joseph Scerri

Il-kunsill approva unanimament.

52/02/04 Mozzjoni nru 03/2013 (VI)

*Qed nipproponi li jinkera d-dawl sabiex jinxtelghu dawn it-toroq ghall-attivitajiet tal-Gimgha l-Kbira:*

- *Triq l-Oratorju*
- *Triq San Gorg*
- *Triq il-Pellegrinagg*
- *Il-Faccata tal-Knisja Parrokkjali*

*L-istima tinsab mehmuża.*

Mozzjoni: Roderick Mamo
Sekondant: Is-Sindku Joseph Scerri

Il-kunsill approva unanimament.

52/02/05 Mozzjoni nru 04/2013 (VI)

*Qed nipproponi li jsiru bins on wheels zghar fi Triq Hanover ghas-separazzjoni ta' l-iskart.*

Mozzjoni: Is-Sindku Joseph Scerri
Sekondant: Roderick Mamo

Il-kunsill approva unanimament.

52/02/06 Mozzjoni nru 05/2013 (VI)

*Qed nipproponi li jinxtraw 3000 xemgħa għall-ammont ta' Euro 1055 għall-attivitajiet ta' Ħamis ix-Xirka u l-Ġigħma l-Kbira. L-istima tinsab mehmuza.*

Mozzjoni: Roderick Mamo
Sekondant: Is-Sindku Joseph Scerri

Il-kunsill approva unanimament.

52/02/07 Mozzjoni nru 06/2013 (VI)

*Qed niproponi li l-Kunsill Lokali jitlob stima mingħand il-Perit William Lewis għal xogħol ta' rikostruzzjoni ta' bankina fi Triq Dr. Carmelo Mifsud Bonnici u jiġi ordnat ix-xogħol immedjatament. Dan fid-dawl tal-fatt li l-bankina in kwistjoni tinsab fi stat ħażin ħafna u qed tkun ta' periklu għar-residenti.*

Mozzjoni: Roderick Mamo
Sekondant: Is-Sindku Joseph Scerri

Il-kunsill approva unanimament.

**52/03 Korrispondenza**

52/03/01 Memo 122/2011- Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar (05/5484/12)

Il-kunsill approva unanimament li nitolbu stima lill-Perit William Lewis biex isir restawr ta' niċċa f'Bieb Bormla filwaqt li napplikaw għall-fondi offruti taħt l-iskema li jammonta għal €1300.

52/03/02 Memo 60/2012 - Allegati Abbużi fil-lokalitajiet fuq id-dwal tat-toroq (05/5507/12)

Din il-memo ġiet moqrija fil-laqgħa tal-kunsill kif rikjest mid-Direttur tal-Gvern Lokali.

52/03/03 Assikurazzjoni tal-flus (05/0004/13)

Il-Kunsill unanimament qabel li nħallsu l-premium ta' l-assikurazzjoni tal-flus.

52/03/04 Pubblikazzjoni ta' Ktieb (05/0092/13)

Il-kunsill approva unanimament li nitolbu l-prezz tal-pubblikazzjoni tal-ktieb "Divina Commedia" maqlub għal Malti tas-Sur Alfred Palma.

52/03/05 Versi - Għaqda Poeti Maltin

Il-kunsill unanimament approva li jabbona fil-magażin Versi għal sena sħiħa.

52/03/06 St. George's Nursery (05/01/33/13)

Is-St. St George's Nursery Football Club kiteb lill-kunsill li kull meta jagħmlu użu mill-grounds Peppi Delceppo qed jiġu mitluba jħallsu €14 għall-konsum tad-dawl. Sar ilment ukoll fuq il-manutenzjoni u l-upkeep tal-grounds.

Il-kunsill unanimament approva li jinkariga lill-kunsillier Raymond Balzan biex jiġbor kwotazzjonijiet ta' l-arloġġi tad-dawl u jirreferi lill-kunsill.

52/03/07 ITS Support Agreement (05/0122/13)

Il-kunsill unanimament approva li jġedded il-ftehim ma' l-ITS fir-rigward ta' software użat mill-amministrazzjoni tal-kunsill.

52/03/08 Residential Parking f'Bormla (05/0145/13)

Il-Kunsill ġie mistoqsi xi domandi fuq ir-residential parking f'Bormla li l-kunsill kien applika ftit taż-żmien ilu kif kien deċiż f'waħda mill-laqgħat tal-kunsill.

Il-kunsill unanimament approva li jaħtar lill-kunsillier John Vella biex jigwida u jipprovdi informazzjoni lill-Integrated Transport Strategy Directorate.

52/03/09 Xemgħat għall-Via Sagra (05/0183/13)

Is-Sur Emmanuel Cachia Belli talab xemgħat biex jiġu aramati slaleb li se jintużaw fil-festa ta' l-Għid. Il-kunsillier Pablo Cachia Belli iddikkjara kunflitt ta' interess u ħareġ mis-seduta. Il-kunsill unanimament approva it-talba tas-Sur Emanuel Cachia Belli. Wara l-kunsillier Pablo Cachia Belli ġie mitlub jidħol għas-seduta.

52/03/10 Cage for Skips

Il-Cospicua Home for the Elderly talbet permess biex huma jwaħħlu forma ta' gaġġa ma' l-iskips li għandhom quddiem id-dar ta' l-anzjani. Il-kunsill approva unanimament li jingħataw permess.

**52/04 Aġġudikar ta' Tender KLBO 02/2012 – Soft Areas**

Is-Sindku is-Sur Joseph Scerri beda biex jaqra l-ittra datata 21 ta' Jannar 2013 mibgħuta mis-Sur Brian Vella. Il-kunsill ħa l-ittri l-oħra kollha bħala moqrija għax kulħadd irċevihom.

Wara saret diskussjoni libera.

Il-kunsillier Pablo Cachia Belli issekondat mill-kunsillier Roderick Mamo ressaq din il-mozzjoni:

*Il-Kunsill wara li ġie preżentat bil-minuti tal-bord ta' aġġudikazzjoni jaġġudika t-tender KLBO 02/2012 u favur tad-ditta ELC Ltd li offriet l-irħas u l-aktar offerta vantaġġjuża.*

Intalbet votazzjoni fuq il-mozzjoni li kienet hekk:-

| | |
|---|---|
| Sindku Joseph Scerri | Kontra |
| Viċi Sindku Alison Zerafa Civelli | Favur |
| Raymond Balzan | Astjena |
| John Vella | Favur |
| James Cauchi | Favur |
| Pablo Cachia Belli | Favur |
| Roderick Mamo | Favur |

Għaldaqstant ir-riżultat kien ta' ħamsa favur, wieħed kontra u astensjoni waħda. Il-mozzjoni ġiet approvata.

Is-Sindku ta' spjegazzjoni għal vot tiegħu fejn iddikkjara li hu ivvota kontra biex jibbakja l-kunsill lokali futuri peress li hemm żewġ items li m'hemmx siegħat ta' xogħol.

Il-kunsillier John Vella irrimarka li hu vvota favur bil-kundizzjoni:

a. Li s-somma fl-offerta kif dikjarata tinkludi x-xogħol globali inkluż is-soft area imsemmija bħala under construction u mhux extra.

b. Li x-xogħol mal-kunsill lokali Bormla ma titteħidlux il-preċedenza f'każ ta' xi okkażjoni oħra fil-pajjiż.

Wara l-kunsill unanimament approva li l-kontijiet pendenti tal-V&A fir-rigward tas-soft areas għax-xogħolijiet li għamel sas-17 ta' Jannar, 2013 għandhom jitħallsu skont il-proċeduri normali.

Fid-9.30pm il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa u aġġornata għal 21 ta' Frar 2013 fis-6.30pm.

Joseph Scerri
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill 6 – Seduta Nru. 52

**Mozzjoni Nru. 66-2012 (VI)**

**Bring-In Sites Triq Alessandra**

Qieghed nipproponi li il-bring In Sites li hemm fi Triq Alessandra (hdejn il-bieb ta' Fuq Verdala) jinbidlilhom il-post ghal Triq il-Kottonera hdejn Grounds Peppi Delceppo, peress li qieghed ikollna hafna ilmenti minn residenti li joqoghdu Fuq Verdala u li ghandhom it-twieqi ghal Triq Alessandra.

**Mozzjoni**: Raymond Balzan

**Sekondant:**

27-12-12.

Kunsill 6 – Seduta Nru. 52

**Mozzjoni Nru. 01-2013 (VI)**

Qiegħed niproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla jinstalla U Channel quddiem id-dar bin-numru 30, Triq San Rokku, Bormla għaliex qed ikun hemm parking regolari fuq il-bankina u qed jimblukkaw l-aċċess.

**Mozzjoni**: Roderick Mamo

R. Mamo

**Sekondant:**

7-1-13.

Kunsill 6 – Seduta Nru. 52.

**Mozzjoni Nru. 02-2013 (VI)**

Qiegħed niproponi li l-kaptelli kollha li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni u li qegħdin jinkisru b'mod regolari, jiġu mibdula ma' oħrajn ta' materjal aktar b'saħtu li jiflaħ għall-piż tal-karozzi. B'dan il-mod, il-Kunsill ikun qiegħed jagħmel spiża darba għal dejjem.

R. Mamo

**Mozzjoni**: Roderick Mamo

**Sekondant**:

11-1-13

Seduta tal-Kunsill 17-01-2013

Mozzjoni nru 03-2013

Qed nipproponi li jinkera d-dawl sabiex jinxtelghu dawn it-toroq ghall-attivitajiet tal-Gimgha l-Kbira:

- Triq l-Oratorju
- Triq San Gorg
- Triq il-Pellegrinagg
- Il-Faccata tal-Knisja Parrokkjali

L-istima tinsab mehmuża.

Mozzjoni: Roderick Mamo

Sekondant:

11-1-13.

Nexos Lighting & Vision
Lumen,
Triq il-Merħba, Fgura
FGR1836 - Malta
Tel: +356 21 800144
Fax: +356 21 692124
Web: www.nexoslighting.cor

NEXOS LIGHTING & VISION

# QUOTATION - RENTAL

| | |
|---|---|
| Quote Date: | 11/01/2013 |
| Client: | Kunsill Lokali Bormla |
| Job: | Good Friday |
| Location: | Bormla |
| Setup: | 26th March 2013 |
| Rehearsal: | NIL |
| Date/s: | 38th-29th March 2013 |
| Dismantling: | 30th March 2013 |
| Contact: | Kunsill Lokali Bormla |
| Contact Tel: | 21665337 |

File Name: 20130328_kunsilllokalibormla_goodfriday.)

Quote Reference: PB 61 13

**Lighting**

| QTY | Description | Duration | Unit Price | Extended |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Temporary Enemalta Box | 1.0 | € 130.00 | € 130.00 |
| 24 | Flood Lights 1000W | 2.0 | € 12.00 | € 576.00 |
| 3 | Rolls Gel (Amber & Magenta) | 1.0 | € 75.00 | € 225.00 |
| 1 | Cabling, Setup & Dismantling including High-up | 1.0 | € 450.00 | € 450.00 |
| 1 | | 1.0 | € 0.00 | € 0.00 |
| | | | **Lighting Total:** | **€ 1,381.00** |
| | | | **DISCOUNTED Total:** | **€ 983.00** |
| | | | **Total inc. VAT:** | **€ 1,159.94** |

| **Comments:** | |
|---|---|

Seduta tal-Kunsill 17-01-2013

Mozzjoni nru 04-2013

**Bins on Wheels fi Triq Hanover**

Qed nipproponi li jsiru bins on wheels zghar fi Triq Hanover ghas-separazzjoni ta' l-iskart.

Mozzjoni: Joseph Scerri

Sekondant:

11-1-13

Seduta tal-Kunsill 17-01-2013

Mozzjoni nru 05-2013

Qed nipproponi li jinxtraw 3000 xemgħa għall-ammont ta' Euro 1055 għall-attivitajiet ta' Ħamis ix-Xirka u l-Ġigħma l-Kbira. L-istima tinsab mehmuza.

R. Mamo.

Mozzjoni: Roderick Mamo

Sekondant:

11-1-13.

## Loffreda Brian at DLG

**From:** Josianne Buhagiar [josianne@allchemmalta.com]
**Sent:** 11 January 2013 15:21
**To:** Cospicua Local Council at DLG
**Subject:** Re: Quotation

Hi Brian,

Our best price for 3000 candles which amount to 125 pkts by 24 is 8.44 euros per packet - VAT Included

Regards,
Josianne Buhagiar

On 11 January 2013 15:10, Cospicua Local Council at DLG <bormla.lc@gov.mt> wrote:

Hi Josianne,

We spoke!

Please submit a quotation for 3000 candles at your earliest convenience.

Regards

Brian Loffreda

Kunsill Lokali Bormla

2A, The Rest,

St. Margaret Square

Cospicua BML 1202

Tel: 21 663030 / 21 665337

Fax: 21 672222

email: bormla.lc@gov.mt

--

*Josianne Buhagiar*
*Clerk*
**Allchem Ltd.**
*BLB 45A, Bulebel Industrial Estate,*
*Zejtun ZTN 3000*
*Tel: 21803841/Fax 21803840*
*Mobile: 7980 3841*
*josianne@allchemmalta.com*
*www.allchemmalta.com*

Seduta tal-Kunsill 17-01-2013

**Mozzjoni Nru 06-2013 (VI)**

Qed niproponi li l-Kunsill Lokali jitlob stima mingħand il-Perit William Lewis għal xogħol ta' rikostruzzjoni ta' bankina fi Triq Dr. Carmelo Mifsud Bonnici u jiġi ordnat ix-xogħol immedjatament. Dan fid-dawl tal-fatt li l-bankina in kwistjoni tinsab fi stat ħażin ħafna u qed tkun ta' periklu għar-residenti.

Mozzjoni: Roderick Mamo

Sekondant:

1[illegible]-1-13